

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 238/2013

tal-15 ta' Marzu 2013

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 481/2012 fir-rigward tal-validità taċ-
 ċertifikati ta' awtentiċità għal ċanga ta' kwalità għolja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 144(1) u l-Artikolu 148 flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 481/2012 tas-7 ta' Ġunju 2012 li jstipula regoli għall-ġestjoni ta' kwota tariffarja għal ċanga ta' kwalità għolja ⁽²⁾, biddel il-metodu ta' ġestjoni tal-kwota miftuħa mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 617/2009 ⁽³⁾ mill-metodu ta' eżami simultanju għal metodu ta' ġestjoni ta' min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel. Minħabba li fil-qafas tal-metodu ta' ġestjoni ta' min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel ta' dik il-kwota ma għadx hemm liċenzji tal-importazzjoni b'validità limitata għat-30 ta' Ġunju ta' kull sena ta' importazzjoni, huwa għalhekk ideali li jitneħħa l-limitu ta' validità tat-30 ta' Ġunju għaċ-ċertifikati ta' awtentiċità. Minflok, għandu jiġi stabbilit perjodu ta' tliet xhur mid-data tal-ħruġ ta' dawġ iċ-ċertifikati, li jkun konformi ma' kwoti tariffarji oħra ta' ċanga ta' kwalità għolja.
- (2) Għal raġunijiet ta' ċarezza, huwa neċessarju li jiġi indikat, fir-rekwiżiti għall-prodotti biex jibbenefikaw mill-kwota tariffarja preferenzjali kkonċernata, kif stabbilit fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 481/2012, l-annimali bovini koperti mill-klassifikazzjoni tal-karkassa tal-Unjoni u għalhekk eliġibbli biex jiproduċu 'ċanga ta' kwalità għolja'.
- (3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 481/2012 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(4) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, il-perjodu l-ġdid tal-validità taċ-ċertifikati ta' awtentiċità ma għandux japplika għal ċertifikati ta' awtentiċità maħruġa qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 481/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 7 jinbidel b'dan li ġej:

"7. Il-validità ta' ċertifikat ta' awtentiċità għandha tkun ta' tliet xhur mid-data tal-ħruġ tiegħu."

(2) Fl-Anness II, in-nota ta' qiegħ il-paġna 1 tinbidel b'dan li ġej:

"(1) Għall-finijiet ta' dawn ir-rekwiżiti, l-erieħ u l-għoġġiela huma 'annimali bovini', kif iddefiniti fil-punt 1 tal-Parti IV tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, li jikkorrispondu rispettivament għall-kategoriji E u C, kif iddefiniti fil-Parti A tal-Anness V ta' dak ir-Regolament."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika għaċ-ċertifikati ta' awtentiċità maħruġa mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Marzu 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 148, 8.6.2012, p. 9.

⁽³⁾ ĠU L 182, 15.7.2009, p. 1.